**FIL-BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TAR-RABA**

**Magistrat Dr Joseph Apap Bologna BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Mejju 2000**

**Rikors Nru: 12B/98**

**Evangelista Muscat armla ta' Bartolomew Muscat, Joseph u Marcelle konjugi Muscat, Raymond u Emanuela sive Lilly konjugi Muscat, u Mary Anne Muscat bhala l-eredi ta' Bartolomew Muscat u ghal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Carmel Micallef**

Il-Bord,

Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi l-istess rikorrenti jikru lill-intimat porzjon raba ta' cirka elf, sitt mija u ghoxrin metru kwardu (1,620mk) li tinsab fin-Naxxar fin-nizla ta' l-Ghaqba bil-qbiela ta' zewg liri Maltin (Lm2.00) fis-sena pagabbli annwalment b'lura kull 15 t'Awissu.

Illi l-intimat naqas li jhallas il-qbiela dovuta minnu skond il-ligi ghal dawn l-ahhar seba' snin.

Illi l-ghalqa thalliet ma tinhadimx ghal aktar minn sena kalendarja.

Illi s-sidien ta' l-ghalqa hawn fuq imsemmija jehtieguha ghall-uzu personali taghhom u/ jew tal-membri tal-familja taghhom biex jahdmuha huma, u l-ghalqa mhijiex fonti importanti ghall-ghixien ta' l-intimat.

Talbu lil dan il-Bord joghgbu jittermina l-lokazzjoni tal-precitata raba minhabba ksur tal-kondizzjonijiet lokatizji kif inghad aktar 'il fuq u

jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tar-raba in kwistjoni billi jordna lill-intimat jizgombra minnha fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss salv il-hlas ta' kumpens li jigi iffissat, jekk hu l-kaz, u dovut lilu skond il-ligi.

Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 t'April, 1998 u bl-ingunzjoni ta' l-intimat ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Novembru 1998 a fol 23 tal-process minn fejn jidher li l-intimat gie notifikat fit-23 ta' Lulju 1998 (ara fol 22 "a tergo") u l-istess intimat ma deherx sabiex jikkontesta r-rikors in ezami u lanqas ma pprezenta xi risposta bil-miktub.

Ra l-atti kollha.

Ikkunsidra:

Illi mix-xhieda ta' Raymond Muscat (a fol 26 et seq ibid) jidher li l-intimat ilu ma jhallas il-qbiela dovuta fuq l-istess ghalqa ghal madwar seba' jew tmien snin. Inoltre skond dejjem l-istess xhud kien gie avvicinat minn terza persuna Robert Farrugia li qal lix-xhud li xtaq jahdem l-istess ghalqa "peress li kien tahielu Carmel Micallef l-intimat".

In rigward tali proposta, x-xhud accetta biss "li sal-ahhar ta' Awissu jaqla' l-prodott kollu li ghandu imbaghad jaghtihielu lura" (ara Dok. RM1 in fotokopja a fol 29 tal-process). Difatti jigi innotat li fl-istess xhieda jinghad "l-ghalqa kienet qed tinhadem pero' dan l-ahhar rajtha mahduma" u "Jiena u r-rikorrenti l-ohrajn diga' qed nokkupaw parti mill-ghalqa li ma gietx mahduma minn Albert Farrugia".

Ikkunsidra

Illi il-periti teknici tal-Bord (a fol 33 u 34 tal-process) oltre fatti ohrajn elenkati fl-istess rapport, raw li matul l-ahhar tmien snin ma kien sar ebda benefikat agrikolu fl-istess ghalqa.

Ikkunsidra

Illi ghalhekk dak mitlub fl-istess rikors jidher li ghandu jigi akkolt.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jittermina l-lokazzjoni tal-porzjoni raba ta' cirka 1620 metri kwadri li tinsab fin-nizla tal-Ghaqba fin-Naxxar, jawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jirriprendu l-pussess tal-istess raba u jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess raba sal-15 ta' Awissu 2000 u dan minghajr ebda dritt ta' hlas ta' kumpens.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' April 1998 (ara fol 4 tal-process) kontra l-istess intimat.

Alan Calleja
Dep.Reg.